



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 204/22

il-Lussemburgu, 15 ta' Diċembru 2022

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali C-124/21 P | International Skating Union vs Il-Kummissjoni

L-Avukat Ġenerali Rantos jipproponi li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet ikkonfermat in-natura antikompetittiva tar-regoli tal-Unjoni Internazzjonali tal-Pattinaġġ tiġi annullata

L-Avukat Ġenerali jipproponi li l-kawża tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali

L-International Skating Union (l-Unjoni Internazzjonali tal-Pattinaġġ, iktar 'il quddiem l-"UIP") talbet l-annullament parzjali tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2020, International Skating Union vs Il-Kummissjoni (T-93/18). Permezz ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kienet ċaħdet parzjalment ir-rikors tal-UIP intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-8 ta' Diċembru 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE ¹. Il-Kummissjoni kienet iddikjarat, fid-deċiżjoni tagħha ta' Diċembru 2017, li r-regoli tal-Unjoni Internazzjonali tal-Pattinaġġ (UIP) li jipprevedu sanzjonijiet severi kontra l-atleti li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet tal-pattinaġġ veloċi mhux irrikonoxxuti minnha jmorru kontra r-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni.

Fl-istess ħin, ġie ppreżentat appell inċidentali, intiż ukoll għall-annullament parzjali tas-sentenza appellata, miż-żewġ atleti li għamlu l-ilment li wassal lill-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura kontra l-UIP. Dawn tal-aħħar ikkontestaw il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Qorti Ġenerali qieset li l-mekkaniżmu ta' arbitraġġ esklużiv u obbligatorju stabbilit mill-UIP ma setax jitqies li "jsaħħaħ" ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan ikkaratterizzata mill-Kummissjoni.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Athanasios Rantos jipproponi li s-sentenza tiġi annullata u li l-kawża tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali.

Fuq l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni għar-regoli maħruġa minn federazzjonijiet sportivi

Fl-osservazzjonijiet preliminari tiegħu, l-Avukat Ġenerali **jiċċara l-kuntest analitiku li għandu jiġi applikat waqt l-analiżi ta' regoli maħruġa minn federazzjonijiet sportivi fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni**. Huwa jfakkar li r-regoli ta' korpi governattivi tal-isport bħal daww tal-UIP ma humiex esklużi, bħala prinċipju, mill-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Peress li dawn huma regoli stabbiliti minn federazzjonijiet sportivi, ir-riferimenti għall-karatteristiċi speċifiċi tal-isport li jinsabu fl-Artikolu 165 TFUE jistgħu jkunu rilevanti, b'mod partikolari għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ġustifikazzjonijiet possibbli għal restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

L-Avukat Ġenerali jirrivele li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ², meta l-effetti restrittivi li jirriżultaw minn regola kontenzjuża ta' federazzjoni sportiva jistgħu raġonevolment jitqiesu li jkunu neċessarji sabiex jiggarrantixxu għan leġittimu "sportiv", dawn il-miżuri ma jaqgħux taħt l-Artikolu 101(1) TFUE. Dan, madankollu, bil-kundizzjoni li

¹ Għall-fatti li wasslu għall-kawża ara [CP 159/20](#).

² Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, Meca-Medina u Majcen vs Il-Kummissjoni [C-519/04 P](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [CP 65/06](#)).

dawn l-effetti ma jmorru lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex tiġi żgurata t-tfittxija ta' dan l-għan.

Fid-dawl tar-rwol tradizzjonalment mogħti lill-federazzjonijiet sportivi, dawn huma esposti għal riskju ta' kunflitt ta' interessi li jirriżulta mill-fatt li, minn naħa, huma għandhom setgħa regolatorja u li, min-naħa l-oħra u fl-istess ħin, huma jiżguraw attività ekonomika.

L-Avukat Ġenerali jenfasizza li **s-sempliċi fatt li l-istess entità teżerċita kemm il-funzjonijiet ta' regolatur kif ukoll ta' organizzatur ta' kompetizzjonijiet sportivi ma jimplikax fih innifsu ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni**. Barra minn hekk, l-obbligu prinċipali li għandha federazzjoni sportiva li tinsab fis-sitwazzjoni tal-UIP huwa li tiżgura li dawn it-terzi ma jiġux indebitament imċaħħda minn aċċess għas-suq sal-punt li tinħoloq distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dan is-suq. **Il-federazzjonijiet sportivi jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jirrifjutaw l-aċċess għas-suq lil terzi, mingħajr ma dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, sakemm dan ir-rifjut ikun iġġustifikat minn għanijiet leġittimi u l-miżuri meħuda minn dawn il-federazzjonijiet ikunu proporzjonati meta mqabbla mal-imsemmija għanijiet.**

Fuq l-appell

L-Avukat Ġenerali janalizza jekk il-Qorti Ġenerali interpretatx korrettament l-Artikolu 101(1) TFUE meta kkonfermat id-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din kienet ikkonkludiet l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

Huwa jqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali setgħetx twettaq analiżi "magħquda" jew "parallela" tal-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan u tal-assenza ta' natura oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata ta' din ir-restrizzjoni. L-Avukat Ġenerali jikkonstata li dan l-approċċ tal-Qorti Ġenerali huwa s-sors ta' ċerta konfużjoni peress li ma joħroġ b'mod ċar l-analiżi li għet segwita. L-ewwel, il-Qorti Ġenerali segwiet l-approċċ klassiku tal-identifikazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, billi qabel kollox analizzat il-kontenut tar-regoli ta' eliġibbiltà. Madankollu, it-tieni, waqt l-eżami tal-għanijiet ta' dawn ir-regoli, il-Qorti Ġenerali tidher li eżaminat dawn tal-aħħar fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mis-sentenza Meca Medina u Igor Majcen li tirrigwarda n-natura oġġettivament iġġustifikata tar-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni kkonstatati.

L-Avukat Ġenerali jirriveva li l-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kontenut tar-regoli tal-UIP u l-analiżi tagħha dwar in-natura sproporzjonata tar-regoli tal-UIP li wassluha tikkonkludi li kien hemm restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan hija infondata. Fil-fatt, hija twassal għal twessigħ tal-kunċett ta' "restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan" li jmur kontra ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja li timponi interpretazzjoni restrittiva ta' dan il-kunċett.

B'hekk, **l-Avukat Ġenerali jikkonkludi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat ir-regoli tal-UIP bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan u jipproponi li jintlaqa' l-ewwel aggravju u li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li tikkonċerna l-konstatazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan tiġi annullata.**

Madankollu, l-Avukat Ġenerali jikkonstata li għad hemm bżonn li jiġi ddeterminat jekk il-ftehimiet inkwistjoni għandhomx l-"effett" li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. Dan l-aspett tat-tilwima jinvolvi l-eżami ta' kwistjonijiet fattwali abbażi ta' elementi li ma kinux evalwati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Barra minn hekk, peress li l-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-analiżi tal-effetti fuq il-kompetizzjoni ma ġewx diskussi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kawża ma hijiex, fuq dan il-punt, fi stat li tiġi deċiża. Konsegwentement, **l-Avukat Ġenerali jipproponi li l-kawża tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali u li l-ispejjeż jiġu rriżervati.**

Fuq l-appell inċidentali

L-Avukat Ġenerali jeżamina jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni kienet ikkonkludiet b'mod żbaljat li r-regoli ta' arbitraġġ tal-UIP saħħew ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mir-regoli ta' eliġibbiltà stabbiliti mill-UIP. Huwa jistaqsi jekk il-Kummissjoni setgħetx ġustament tikklassifika l-mekkaniżmu ta' użu esklużiv u obbligatorju tal-arbitraġġ bħala "element ta' tisħiħ" tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fil-kuntest ta'

analiżi iżolata u separata mill-konstatazzjoni tal-ksur, approċċ li jqajjem mistoqsijiet, skont l-Avukat Ġenerali, peress li l-Kummissjoni ma kinitx qieset li l-klawżola ta' arbitraġġ setgħet tikkostitwixxi ksur fiha nnifisha.

L-Avukat Ġenerali jqis li l-Qorti Ġenerali għustament irrikonoxxi li l-użu ta' mekkaniżmu ta' arbitraġġ esklużiv u obligatorju kien metodu ġeneralment aċċettat ta' soluzzjoni tat-tilwim u li l-fatt li tiġi konkluża klawżola ta' arbitraġġ fih innifsu ma jirrestrinġi il-kompetizzjoni. Huwa jirrivele wkoll li l-użu tal-arbitraġġ jista', f'dan il-każ, ikun iġġustifikat minn interessi leġittimi marbuta mar-rekwiżit li t-tilwim sportiv ikun sottomess lil korp ġudizzjarju speċjalizzat.

Fir-rigward tal-arbitraġġ ippreżentat lill-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport, l-Avukat Ġenerali jqis li dan ma huwiex komparabbli mal-arbitraġġ li ntlaħaq bejn Stati Membri u partijiet privati fil-kuntest tat-trattati bilaterali ta' investiment li kienu inkwistjoni fis-sentenzi Achmea ³ u PL Holdings ⁴. Konsegwentement, il-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn is-sentenzi ma jistgħux jiġu trasposti għall-arbitraġġ inkwistjoni f'din il-kawża, peress li dan tal-aħħar ma jistax inaqqas l-effettività u l-uniformità sħiħa tad-dritt tal-Unjoni.

L-Avukat Ġenerali jikkonkludi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset li l-mekkaniżmu ta' użu esklużiv u obligatorju tal-arbitraġġ ma setax jiġi kklassifikat bħala "element ta' tisħiħ" tar-restrizzjoni tal-kompetizzjoni inkwistjoni.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!



³ Sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea ([C-284/16](#), ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 26/18](#)).

⁴ Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2021, PL Holdings ([C-109/20](#), ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 190/21](#)).